# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**13/19**

**It-tlettax (13) -il laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 5 ta' Awwissu 2013 fil-6.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsilliera |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier (Ħareġ bi protesta fis-18.45) |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | | | |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**Aġenda:**

1. ***Talba***
2. ***Qari u Approvazzjoni tal-minuti 11/19***
3. ***Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti 11/19***
4. ***Korrispondenza***
5. ***Skeda ta pagamenti: Approvazzjoni***
6. ***Ilmenti***
7. ***Ordnijiet tal-Ġurnata***
    a. ***Approvazzjoni Estimi 2013***
    b. ***Quarterly Review Accounts (Ġunju 2013)***
    c. ***Pjan Lokali 2013 (MEPA)***
8. ***Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati***
9. ***Komunikazzjoni mis-Sindku***
10. ***Aġġornament***

1 Il-laqgħa bdiet fil-6.35 ta' filgħaxija.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti 11/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 Is-Sur Horace Anastasi talab sabiex jikkoreġi minuti li diġa kienu ġew approvati fil-laqgħa precedenti. Is-Sindku m'accetax dan. F'dan l-istadju (18.45), il-Kunsillier Anastasi ħareġ l'barra bi protesta.

2.3 Il-minuti ġew approvati kif moqrija.

**3 *Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti 9/19***

3.1.1 Minuta 3.1.3 – Is-Sindku qal li fuq il-Proġett ta' Misraħ Santa Venera fost l-oħrajn fadal isiru il-bollards. Is-Sinjura Elizabeth Vella qalet li jonqos ukoll it-tabelli u s-Sur Mangani qal li jonqos ukoll il-bins. Kien hemm qbil li bħala bins isiru minn tal-injam li għandna in stock fis-sienja. Is-Sinjura Vella issuġġeriet ukoll li jsiru dogs litter ukoll.

Kien hemm qbil ukoll li jsiru dawn ix-xogħlijiet; bollards, MC bay, Disabled bay, u l-Pedestall. Dan ta' l-aħħar ġie deċiż li jkun lest għal Novembru għal Jum Santa Venera. Dan il-pedestall ser ikollu fuqu l-istatwa ta' Santa Venera li ser tkun darha lejn il-Knisja.

3.1.2 Minuta 3.2.3 – Bollards inxtraw 13 għaliex kienu out of stock. Il-kumplament ser jinxtraw gradwalment.

3.1.3 Minuta 3.2.4 – Is-Sindku qal li rigward il-vettura huwa qiegħed jiċċekkja sabiex inkunu fil-limitu ta' taħt l-€1,100.

3.1.4 Minuta 4.1 – Is-Sindku qal il-proposta li għandna minn għand l-għalliema hija dik li l-kors jibda mis-6 ta' Settembru u jibqa għaddej sat-8 ta' Novembru, bejn id-9am u l-11am. Issa imissha tibghatilna poster sabiex inkunu nistgħu niftħu l-applikazzjonijiet. Kulħadd qabel mad-dati u l-ħin.

3.1.5 Minuta 4.2 – Is-Sur Sultana qal li x-xogħol irid isir pero bħalissa għandna ħafna xogħol pendenti li bdejna naħdmu fuqu. Rigward is-sleeping police li hemm fil-kantuniera is-Sindku qal li bħala Kunsill irridu nibqgħu insostnu li din għandha tibqa hemm.

***4 Korrispondenza***

4.1 Is-Sindku tkellem fuq il-korrispondenza li l-Kunsill Lokali rcievha mingħand il-Fondazzjoni Wirt Vendriż b'dawn il-punti li ġejjin.
Programm Jum l-Anzjani – Għal dan il-Jum is-Sur Mangani qal li qegħdin jitkellmuha mal-proposti tas-Sotto Kumitat tal-Anzjani. Is-sena l-oħra kienu ġabu anzjani minn San Vinċenz u ġew mal-qraba tagħhom propju għal dan il-Jum. Ġie deċiż li ssir quddiesa fis-6 ta' Ottubru 2013 fid-9 am.

**Jum iż-Żgħażagħ** – Is-Sindku qal li f'Marzu kienet saret attivita diġa b'din it-tema. Is-Sur Brimmer qal li ser ikellem lil Philip Chircop, ~~li huwa membru fis-Sotto Kumitat taż-żgħażagħ~~ fuq possibilta ta' attivita għal dan il-Jum sabiex tiġi kkordinata din l-attivita.

**Jum Santa Venera / Ġemellaġġ** – Sar qbil li fl-10 ta' Novembru issir quddiesa fejn wara l-istess smiegħ tal-quddiesa, tiġi kkommemorata Jum it-Tifkira. Ġie suġġerit li matul il-ġurnata nospitaw ukoll lid-delegazzjoni tal-Ordni Taljana ta' San Pietru u San Pawl.

**Jum il-Volontiera** – Sar qbil li għal dan il-jum issir open day li tiġi organizzata mil-Kunsill fejn ikunu inklużi l-NGOs Vendriżi kollha. Din tkun parti wkoll mix-xogħol tas-sotto Kumitat taż-żgħażagħ.

4.2 Skema ta' għajnuna finanzjarja dwar online streaming – Is-Sindku qal li l-Gvern ħareġ b'inizzjattiva li l-laqgħat tal-Kunsilli jibdew ikunu strijmjati live fuq l-internet. Għalhekk id-Dipartiment ħareġ skema ta' għajnuna finanzjarja lil Kunsill sabiex ikunu jistgħu jixtru l-apparat meħtieġ. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera japplika għal dan il-finanzjament li jlaħħaq sa massimu ta' €2,300.

4.3 Insurance renewal – Is-Sindku qal li kellna 3 quotations mingħand il-Melitapol ta' tlett insurances. Il-Kunsill qabel li jmur għal polza tas-Citadel li hija l-aktar waħda vantaġġjuża fi prezz. B'mod separat, il-Kunsill qabel li jkollu stima ta' insurance fuq il-ġonna Romeo Romano, Dun Ġorġ Preca u l-Latrina Pubblika.

4.4 Korrispondenza mingħand O'Flaherty – Is-Sindku qal li l-operatur mhux jopera kif suppost. Sar qbil li it-tabella tal-parking flimkien mal-Loading / unloading bay jiġu emendati b'tali mod li ma tkunx ta' inkonvenjent lanqas għar-residenti.

4.5 Car Free Day – Is-Sindku ippropona li nieħdu sehem fil-Car Free Day li ssir fit-22 ta' Settembru. Għaliha jeżisti sponsor ta' €2,000jekk noħorġu bi proposta b'saħħita biex it-talba tagħna tiġi magħżula. L-attivita` għandha tkun konċentrata fi Triq il-Kbira San Guzepp. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

*Fit-8.00pm saret sospensjoni tal-Aġenda biex jidħol l-Accountant is-Sur Chris Farrugia u jispjega l-Budget finanzjarju tas-sena 2013 u l-kwart finanzjarju Apr-Jun. Għalhekk il-laqgħa kompliet fuq punt 7(a) tal-Aġenda.*

7(a) Is-Sur Farrugia qara u spjega l-Estimi finanzjarji għas-sena 2013. Is-Sur Chris Farrugia irrimarka li il-PPP ser jaffettwa ħafna il-finanzi għal din is-sena u itaffi mis-sena d-dieħla minħabba li l-perċentwal tal-ispejjez tal-Kunsill fuq dan il-proġett ikunu ta' 20%.

Il-Budget ġie approvat unanimament.

7(b) Is-Sur Chris Farrugia qara l-*Quarterly Review Accounts* (Ġunju 2013) u qal li l-Kunsill bħalissa jinsab b'financial indicator ta' 71%.

Ma kienx hemm oġġezzjonijiet jew astenzjonijiet u kien hemm qbil unanimu fuq il-*Quarterly Review Accounts* (Ġunju 2013).

Is-Sur Chris Farrugia ġie skużat mill-laqgħa.

*Kontinwazzjoni tal-Minuti minn punt 4 tal-Aġenda.*

4.6 Is-Sindku qal li għandna korrispondenza mingħand Service Solutions sabiex issir MC bay faccata tal-garaxx. Kulħadd qabel sabiex tiddaħħal mal-WO tal-Koptasin.

4.7 Parroċċa – Il-Kappillan qiegħed jitlob għal żewġ reserved parking minħabba t-tagħlim tad-Duttrina, nhar ta' Tnejn u Ħamis bejn l-16.15 u s-18.15. Kulħadd qabel li ngħaddu din it-talba lil Trasport Malta.

4.8 Ralph Industrial Supplies – Talba għal single yellow line faccata ta garaxx fi Triq Qalb Imqaddsa. Il-Kunsill qabel li ngħaddu din il-korrispondenza lil Trasport Malta.

4.9 Talba għal Double Yellow Lines ma garaxxijiet fi Triq Carini – Il-Kunsill Lokali nnota l-approvazzjoni ta' Transport malta fuq dan u ma sab l-ebda oġġezzjoni sabiex dan ix-xogħol isir.

4.10 F'dan l-istadju (20.49) is-Sur Jonathan Brimmer ġie skuzat għal kumplament tal-laqgħa.

**5 Skeda tal-pagamenti Approvazzjoni**

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati pero rigward pagament 225 kien hemm qbil unanimu li ġaladarba l-Contracts manager ġibed l-attenzjoni li x-xogħol ma sarx kif suppost jinqatgħu 5% mit-total kif hemm fil-Kuntratt fuq l-aħħar tlett xhur.

**6 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 143 sa ilment numru 181. Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

143. Sar
144. Ħaddiema Assenjati
145. Nordnaw 7x U Bars mingħand Valletta Aluminium
146. Inzergħu il-fjuri u t-tieni parti ser isiru mill-Ħaddiema Assenjati
147. Ħaddiema Assenjati
148. WSC
149. TM
150. Ħaddiema Assenjati
151. Għadna qed nistennew gwida mill-Gvern dwar x'ser isir.
152. Ħaddiema Assenjati
153. Hemm korrispondenza ma Trasport Malta
154. Enemalta
155. Saret
156. Saret
157. Ħaddiema Assenjati
158. Ħaddiema Assenjati
159. Koptasin
160. Saret
161. Ħaddiema Assenjati
162. Saret
163. Inġibu dettalji ta' min qiegħed jitma l-qtates
164. Ħaddiema Assenjati
165. Koptasin
166. Koptasin
167. Ħaddiema Assenjati
168. Ħaddiema Assenjati
169. Kuntratt ġdid
170. Kuntratt ġdid
171. Trasport Malta
172. Inġbu stima
173. L-istess bħal ilment 167
174. L-istess bħal ilment 166
175. Ħaddiema Assenjati
176. Koptasin
177. Ħaddiema Assenjati
178. L-istess bħal ilment 149
179. Deċiżi diġa
180. Deċiżi diġa
181. Inqabbdu lil Carmel Mifsud

**7 Ordnijiet tal-Ġurnata**

(c) Pjan Lokali 2013 (MEPA)

Is-Sindku qal li irċieva set ta' Minuti mil-MEPA rigward il-Pjan Lokali fejn hu għamel l-emendi tagħhom u reġa bgħathom. Is-Sur Sultana qal li hu qiegħed jipprova li Santa Venera iżommu bi tlett sulari b' eċċezzjoni ta' Triq il-Kbira San Ġużepp li tibqa żewġ sulari. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

Is-Sindku qal li irridu infittxu zona fejn tista tiġi żviluppata f'post ta' rikreazzjoni.

Rigward il-ħofra li tinsab fejn il-bini tal-Kunsill is-Sindku qal li dik irridu napplikaw sabiex il-permess ikun ta' tlett sulari minħabba li tmiss mal-Kumpless Umberto Colosso. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

Is-Sindku qal li il-Kunsill irid jibqa jsostni li fi Triq il-Ferrovija ma jsirux iktar żviluppi kummerċjali. Il-Perit indika li skont il-Local Plan Triq il-Ferrovija jistgħu itellgħu sulari oħra u jiġu terraced houses bħala kumpens.

Il-Kunsill qabel biex dawn il-postijiet jibqgħu skedati: Akwidott, Ġnien Romeo Romano, l-Istitut Bugeja u jissuġġerixxi dawn il-postijiet biex jiġu skedati: Casa Leone, il-Bieb ta' Triq l-Imsida u l-funtana li hemm fi Triq Gdida fi Triq l-imsida, il-Knisja l-antika u l-Barumbara.

8 Minuti ta' kum

8.1 Is-Sindku ppreżenta l-Minuti tal-ewwel kollaqgħa tal-finanzi

**9 ~~8~~ Kommunikazzjoni mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku tkellem fuq it-titqiba tal-Influwenza u qal li ser ikellem 2 nurses sabiex jiġu b'mod volontarju sabiex jgħatu t-tilqima lir-residenti. Il-post tat-titqib isir fid-Day Centre. Is-Sinjura Vella qalet li hi tista tistaqsi nurse ukoll biex forsi tkun disponibbli li tiġi. Aktar dettalji jingħataw fil-laqgħat li ġejjin.

**9 Aġġornament**

9.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru, 2013 fis-6.30pm b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

9.2 Il-laqgħa intemmet fid-9.35pm.

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, 2/09/2013